**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 201/2019*

**Illum:** 11 t'April, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Francis Cassar, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 827746M**

**Carmela Mifsud, detentriċi ta' Karta tal-Identita` bin-numru 143062M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Francis Cassar u Carmela Mifsud u cioe` talli:

Fix-xahar ta' Novembru, 2018, u matul ix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ġiegħlu animal u ċioe' ħanżir isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u kif ukoll talli abbandunaw l-imsemmi ħanżir, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. Talli naqsu milli jkunu responsabbli għat-trattament xieraq ta' l-annimal, meta żammew l-annimal jew qablu li jżommu annimal u ċioe' ħanżir , ***u dan bi ksur tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;***

3. L-istess lok, ħin u ċirkostanzi, naqsu milli jieħdu l-passi raġonevoli f'ċirkostanza biex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' l-annimal li huma responsabbli għalih jew li qablu li jieħdu ħsieb, u ċioe' ħanżir, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal u ċioe' ħanżir. (Għall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tkun tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta' sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba tiegħu b'mod normali, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard), ***u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;***

4. Talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi rabbew jew żammew majjal mingħajr ma dan kien reġistrat għal dan il-għan mas-Servizzi Veterinarji u ma kienux fil-pussess ta' liċenzja xierqa maħruġa mid-Direttur, ***u dan bi ksur tar-regolament 3(1) tal-eġiżlazzjoni Sussidjarja 437.107 tal-Liġijiet ta' Malta;***

5. Fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, naqsu milli jkollhom post li huwa intiż biex jintuża għat-trobbija tal-majjali li jkun liċenzjat mid-Direttur bħala razzett tal-majjali, ***u dan bi ksur tar-regolament 3(2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.107 tal-Liġijiet ta' Malta;***

Lil **Francis Cassar** waħdu:

**Nhar is-17 ta' Frar, 2018 u matul ix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:**

1. Ġiegħel animal u ċioe' kelb isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u kif ukoll talli abbanduna l-imsemmi kelb, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. Talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, żamm annimali u ċioe' klieb marbutin, f'bini, f'imqajjel, f'gaġeġ jew postijiet oħra ta' din ix-xorta, ***u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;***

3. Talli fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, żamm kelb mingħajr liċenzja u mingħajr ma rreġistra l-istess kelb mad-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji, ***u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 199/2011 (437.101) tal-Liġijiet ta' Malta;***

> Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu setghu jergghu lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni ferm bikrija taghhom, tal-fedina penali kkulurita tal-imputat Cassar u dik netta tal-imputata Mifsud u taċ-ċirkostanzi l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31 u 49 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikoli 7(1)(c), 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 57 tal-Att dwar is-Servizzji Veterinarji, Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-regolamenti 3(1)(2) u 24 tar-Regoli dwar it-Trobbija u ż-Żamma tal-Majjali, (L.S. 437.107) u tar-regolamenti 5 u 11 tar-Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101) issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, u filwaqt li **Francis Cassar** qed jigi kkundannat ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax (18) il-xahar, fil-konfront ta' **Carmela Mifsud,** bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħatja Carmela Mifsud bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun jista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Finalment ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati Francis Cassar il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**